**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80

L-Erbgħa 26 ta' Settembru2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00p.m. ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Ħadd

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudippresedjat il-laqgħa.

## 80.1 Introduzzjoni

80.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.00hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

80.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 79 ta' 3 ta' Settembru 2018.

80.1.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqet tikkoreġi kelma mill-minuti nr 79.7.5 u din ġiet ikkoreġuta.

80.1.4 Fuq proposta tal-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 79 ta' 03 ta' Settembru 2018 ġew approvati unanimament.

## 80.2 Punti mqajma mill-minuti

80.2.1 Is-Segretarju nfurmat lis-Sur Salvu Farrugia li peress li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ma attendix għandu iġib iċ-ċertifikat ta' l-isptar.

80.2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia rreferit għal punt 78.3.17 u staqsiet jekk għamilniex kuntatt ma' dik il-kumpanija li ser tipprovdi l-bins biex jinġabru l-ħwejjeġ.

80.2.3 Is-Segretarju nfurmat li l-postijiet li ġew indikati minnha stess fejn ser isiru dawn il-bins għad iridu jiġu konfermati mill-Kunsill qabel ma jsir il-kuntatt ma' din il-kumpanija. Ġie deċiż ukoll li l-post li ġie mmarkat għal dan il-bin ħdejn il-Mitħna għandu jitħassar.

80.2.4 Fuq dan il-punt is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li din il-kumpanja qed tissuġerixxi li darbtejn fis-sena tiġbor bieb bieb. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 80.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

80.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li hija flimkien mas-Segretarju kellha mas-Sur Michael Cohen tat-Transport Malta rigward li Annibale Preca ssir 'One Way' l-isfel kif kien ġie diġa deċiż.

80.3.2 Hija qalet li dan is-suġġeriment intogħġob mit-TM u għandhom jikkonfermaw id-deċiżjoni iktar il-quddiem. Jekk id-deċiżjoni tkun fil-pożittiv dan l-arraġament għandu jsir bi prova.

80.3.3 Is-Sindku kompliet tgħid li t-traffiku li jgħaddi l-isfel u li jkun ġej minn Annibale Preca ikun jista jgħaddi minn Triq Sant'Andrija u Triq Massimiliano Debono. Ovvjament irid isir il-*proper signage* u mhux ser jintmiss ebda traffiku ta' ebda lokal.

80.3.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet ukoll ma' Transport Malta fuq il-bollards li Transport Malta waħħlu f'Mosta Road quddiem l-area ta' Senna.

80.3.5 Hija qalet li dawn twaħħlu minħabba *safety* u għalkemm TM fetħu triq wara ċ-ċimiterju, l-karozzi li neżlin mill-Mosta xorta waħda ma kienux qed iħallu jgħaddu l-karozzi biex iduru wara ċ-ċimiterju.

80.3.6 Transport Malta għandhom iwwaħħlu bollards in-naħa taċ-ċimiterju u għandhom jistudjaw sewwa din il-problema.

80.3.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fl-1 t'Ottubru 2018 ser issir laqgħa ma' xi residenti ta' Senna u stiednu ukoll lilha biex tkun preżenti waqt din il-laqgħa.

80.3.8 Hija infurmat lill-Kunsill li fil-ġurnata qabel ma' TM jiltaqgħu mar-residenti ser issir laqgħa magħha fejn ser jagħtuha risposta fuq TriqAnnibale Preca. Wara li tingħata r-risposta offiċjalment bil-miktub għandha ninfurmaw lir-residenti.

80.3.9 Is-Sindku nfurmat li l-laqgħa li hija kellha mad-Diplomats kienet tajba ħafna saħansitra l-gwida għandha torganizza gruppi oħra.

80.3.10 Is-Sindku tkellmet ukoll fuq il-Pink October u staqsiet min mill-Kunsill ser jattendi fil-5 t'Ottibru 2018 bejn is-7.00p.m. u 9.00p.m. meta ser tattendi l-mara tal-Prim Ministru ħdejn it-torri.

80.3.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija flimkien mas-Segretarju marru jaraw dar fil-Pjazza ta' Ħal Lijagħal binja tal-Kunsill.

80.3.12 Hija nfurmat lill-Kunsill li l-prezz ta' din id-dar għolja ħafna imma ser tikteb f'isem il-Kunsill lill-Prim Ministru u l-Ministru tal-Kunsilli Lokali għal għajnuna.

80.3.13 Is-Segretarju nfurmat li l-Accountant tal-Kunsill ġibdet l-attenzjoni li jrid jiġi ffirmat il-kuntratt għal sena jew sentejn tal-post eżistenti.

80.3.14 Il-Kunsill qabel dwar dan unanimament.

80.3.15 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija kitbet lil tal-WebCam Malta biex tiġi kunsidrata li ssir webcam ħdejn it-Torri jew x'imkien viċin. Din it-talba ser tiġi kunsidrata.

80.3.16 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-attivita' tas-Solar cinema li ġiet organizzata mill-Valletta 18 kienet ta' suċċess kbir u bħala Kunsill għandna nirringrazzjaw lill-Boċċi

Club permess ta' ittra ta' l-għajnuna li tawna biex titella' din l-attivita' u li kienet suċċess kbir.

## 80.4 PROĠETTI LI SER ISIRU MILL –FONDI TAL-UIF

80.4.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sa Ġunju hemm €55,000 fondi tal-UIF u bejn wieħed u ieħor €50,000 fondi ta' Sebbaħ il-Lokal.

80.4.2 Hija nfurmat li l-Perit tal-MEPA ikkonferma li l-isqaq Nru.2 Triq Preziosi peress li ser isir bil-Concrete Imprint jista isir mill-fondi tal-UIF u l-bandli jistgħu jsiru mill-fondi ta' Sebbaħ il-Lokal.

80.4.3 Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir il-parti ta' ġewwa part C ta' Sqaq Nru.2 ta' Triq Preziosi u għandna ngħidu lill-Perit biex naraw kemm tiġi tiswa filwaqt li għandna nistaqsuh ukoll biex narawkemm jiġu jiswew li kieku kellna nagħmlu Part A u part BBil-concrete imprint. Is-Segretarju nfurmat li l-ispejjes tal-mains u s-servizzi tal-water services irid joħroġhom il-Kunsill.

80.4.4 Mill-fondi ta' Sebbaħ il-Lokal, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel il-bandli u l-flooring flimkien mas-signage, bankijiet u l-bins.

80.4.5 Is-Segretarju ressqet quddiem il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni ta' kemm jiġu bejnwiehed u ieħoril-play equipment ġdid fejn hemm bżonn, jitranġaw dawk l-eżistenti u jinbidel il-flooring.

80.4.6 Sadanittant importanti u urġenti għandu jsir kuntatt mingħand min inxtara dawn l-equipment oriġinarjament biex jiġu u jissodaw dawn l-equipment.

80.4.7 Ġie deċiż li għandhom jinqalgħu l-units li huma perikolużi ħafna mill-ħaddiema tal-Kunsill.

80.4.8 Is-Sindku, nfurmat li f'din il-kwotazzjoni hemm ikkowtat rubber u mhux multi purpose.

80.4.9 Is-Sindku qalet li meta toħroġ it-tender għandha toħroġ separatament, waħda għal multi purpose pitch u l-oħra tal-units tal-play area.

80.4.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk hux ser jinbidlu l-fanali li għandhom il-majkka mtappna.

80.4.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għandha tmur on site mas-Segretarju biex jiġu ċċekkjati il-fanali li iridu jinbidlu.

80.4.12 Il-Kunsill iddeċieda li għalissa ser jaraw kemm ser jilħqu l-ispejjes tal-proġett tal-ġnien qabel ma jiddeċiedi biex imur għal proġett ieħor.

80.4.13 Is-Sindku ssuġerit ukoll u l-Kunsill qabel li għandhom jitqawewew il-bozzoz kollha ta' Trasfiguration Avenue peress li dawn huma baxxi ħafna.

80.4.14 Għandu jiġi kuntatjat il-perit fuq il-fanali, il-ġnien u l-isqaq part C ta' sqaq nru.2 biex jinbdew il-proċeduri mal-MEPA biex jintużaw il-fondi tal-UIF u Sebbaħ il-Lokal.

80.4.15 Il-Kunsill iddeċieda, li kif kien miftiehem mal-MEPA, il-ġnien għandu jiġi mqassam f'phases biex isir il-ġnien kollhu.

80.4.16 Ġie deċiż li l-ewwel phase ikunu il-play area u l-multi purpose pitch, it-tieni phase ikun id-dwal u l-fanali u t-tielet phase ikunu l-bankijiet u l-five-a-side pitch.

80.4.17 Din id-deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata lill-MEPA.

## 80.5 UPDATE FUQ L-ERASMUS

80.5.1 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update* fuq l-Erasmus project u nfurmat li kważi kollox magħluq u l-programm lest ukoll.

80.5.2 Hija qalet ukoll li għadha qed tfittex lil xi ħadd li jrid ikun EU commissioner biex fit-18 ta'Ottubru għal bejn wieħed u ieħor 10.00a.m. tkun tista tkellem lil l-istudenti fuq il-free movement ta' l-EU.

80.5.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li l-flus għal dan il-proġett,hija għandha bżonnhom cash bil-Polish currency.

## 80.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

80.7.1 Il-Minority Leader is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmatli għad hemm ħafna ħmieġ f'Ta' Senna u Triq il-Mitħna, fejn irid jinkrew skips u dawn il-postijiet jitnaddfu.

80.7.2 Hija qed tgħid li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

80.7.3 Dawn ix-xogħlijiet huma urġent u important li jsiru mill-ħaddiema din il-ġimgħa.

80.7.4 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema ta' l-RSSL ser jerġgħu jiġu mit-3 ta' Diċembru 2018 sal-bidu ta' Jannar 2019.Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 80.7 RAPPORTI; EVALWAZZJONI TA' TENDER TAL-PUBLIC CONVENIENCE

80.7.5 Ġie pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-Evaluation Report fuq it-tender tal-Public convenience.

80.7.6 Dan l-Evaluation Report ġie ppreparat minn bniedem tekniku, minn accountant barrani u minn Avukat.

80.7.7 Wara li l-Kunsill iċċekkja dan l-Evaluation report ġie ikkonfermat il-bidder li kien bl-inqas prezz u l-iktar wieħed complaint.

80.7.8 Peress li dan il-kuntratt ġie awarded lil l-istess kuntrattur eżistenti, meta jiġi biex jiffirma l-kuntratt għandna ngħidulu biex iġib il-kwotazzjonijiet tal-bibien.

## 80.8 ITEMS OHRA TA' XOGHOL IEHOR TAL-KUSNILL LI JKUNU MEHTIEGA

80.8.1 Il-Minority leader staqsiet jekk sarx refreshing fuq il-line tan-nofs fi Triq il-Mitħna

80.8.2 Is-Segretarju nfurmat li dan il-line ma sarx peress li lanqas bissbaqa jidher għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li dan il-line jagħmlu l-kuntrattur tat-tabelli u s-sinjali.

80.8.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li forsi ma jkunx hemm bżonn li nġibu Gwardjan Lokali u nagħlqu bil-cones.

80.8.4 Is-Sindku nfurmat li ġiet ippreparata ittra biex ma jostakolawx il-garaxxijiet tad-djar residenzjali speċjalment waqt il-ħin ta' l-iskola u anke waqt il-ħin tal-football fiTriq Mario Agius u Triq Giuseppe Cali rispettivament.

80.8.5 Is-Sindku qalet li din l-ittra kellha titwaħħal mill-owners tal-garaxxijiet imma minflokk xi residenti ħadu din l-ittrabħala offiża u l-maġġoranza tar-residenti ma ridux iwaħħluhom mal-garage tagħhom.

80.8.6 Fuq din il-problema s-Sindku għandha titkellem mal-headmistress u l-Kunsill qabel li bħal m'hemm diġa Ħ'Attard għandhom isiru sinjali minħabba din il-problema tal-parkeġġ quddiem il-garaxxijiet.

## 80.9 VIP LIST

80.9.1 Ġiet ppreżentata *mail* mingħand l-AKL fejn il-Kunsill irid jagħti risposta sa 5 ta' Ottubru, 2018 fejn qiegħed jintalab biex min irid isir ħlas fl-uffiċċju tal-Kunsill tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

80.9.2 Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment peress li m'għandnix biżżejjed *man power* biex isiru dawn ix-xogħolijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill.

80.9.3 Resident li joqgħod triq il-Kunċizzjoni qed jagħmel talba biex isiru double yellow lines fi Sqaq il-Kunċizzjoni nru.1 faċċata ta' dar 8/9 mit-taraġa l-isfel. Dan għaliex għandu il-permess tal-mepa biex jirranġa il-bieb tal-garaxx u jekk jipparkjaw il-karozzi fejn it-taraġ ta' din id-dar ma jkunx jista jdawwar il-karozza biex jidħol jew joħrog mill-garaxx. Suppost ma jipparkjawx fl-isqaq f'dan il-post pero jkun hemm xortamin jipparkja.

80.9.4 Il-Kunsill qabel li dawn il-yellow lines isiru faċċata ta' din ir-residenza pero biex inkunu nafu kemm eżatt iridu jiġu twal għandhom imorru il-Minority Leader u s-Segretarju on site.

80.9.5 Resident jixtieq il-permess biex jagħmel laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-laqgħa se tkun rigward it-twaqqief tal-Assoċċjazjoni tal-kondominu, li għalija se jattendu r-residenti tal-appartamenti tal-Gvern fi Triq Sir Ugo Mifsud.

80.9.6 Il-Kunsill qabel li jagħti permess u ser tieħu l-inkarigu biex tiftaħ l-uffiċċju l-Minority leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia u bħala ħin dejjem ikun bejn is-1.00p.m. u 1.30p.m.

80.9.7 Resident li ġej joqgħod fi Triq il-Forn eżatt fejn sqaq nru.5 jixtieq iressaq talba lill-Kunsill Lokali rigward l-ispaction ta' dranaġġ tiegħu li meta kienet saret il-bankina l-kuntrattur li għamel il-bankina dak iż-żmien radamlu din l-ispaction. Għalhekk qiegħed jitlob lill-Kunsill Lokali biex il-parti fejn tinkissertal-bankina fejn hemm l-ispaction l-ispejjes ta' re-instatement jitħallsu mill-Kunsill Lokiali għaliex il-Kunsill kien għamel il-bankina dak iż-żmien.

80.9.8 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba pero ma ddeċidiex fuqha imma s-Sinjorina Stephanie Cutajar għandha tiċċekkja dwarha anke is-Sindku għandha tiċċekkja mal-Perit li kellu l-Kunsill qabel.

80.9.9 Il-Kunsill iddeċieda li għandha nitkellmu ma' dan ir-resident partikolari biex ma jipparkjax ħażin filwaqt li għandna napplikaw mat-Transport Malta għal single yellow line.

80.9.10Talba mingħand resident biex titranġa u titbaxxa l-sleeping policeman li hemm fejn il-biotechnology Centre. Dan għaliex bħal ħafna żgħażagħ oħra għandu karozza baxxa u mhux l-ewwel darba li jagħmlu ħsara għax joborxu l-qiegħ.

80.9.11Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ġie deċiż li għandna niċċekkjaw mat-TM biex naraw jekk din l-sleeping policeman hiex *according to specifications*,

80.9.12Talba mingħand resident biex jiċkienu l-parkeġġ ta' Triq N.Cottoner u jiddaħlu aktar biex tirbaħ aktar parking spaces. Il-parking spaces li hemm bħalissa huma kbar ħafna u faċilment jistgħu jinqasmu fi tnejn biex flokk toqgħod karozza waħda joqgħodu tnejn.

80.9.13 Il-Kunsill m'approvax din it-talba għax dawn il-parking spaces huma *according to standard* imma jista jidaħħal parking space ieħor fit-tarf tat-triq fejn m'hemmx parking bays.

80.9.14Talba mingħand resident biex tiġi rranġata l-sleeping policeman li hemm fejn iċ-central strip fi Triq Tal-Mirakli. Huwa jrid li bejn il-bankina u l-sleeping policeman ma jkunx hemm gap għax li qed jiġri huwa speċjalment muturi jgħaddu close tal-bankina mill-gap biex jevitaw it-tumbata. Dan qed jirriżulta biss fi periklu għal minn jkun fuq bankina għax jgħaddu close ħafna. Huwa qal li din tista tkun evitata billi tinqala biċċa mir-rubber tal-sleeping policeman minn naħa l-oħra ta' barra , tiċċaqlaq kollha l-sleeping policeman għan-naħa ta'ġewwa biex tagħlaq il-gap.

80.9.15 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u approva li ssir.

80.9.16Talba mingħand żewġ residenti ġewwa Ħal Lija biex jitneħħew żewġ parking bays li hemm fi Triq Annibale Preca kif taqbeż il-biotechnology Centre eżatt ħdejn Villa Ateni. Dan għaliex kif tafu issa li ser tibda l-iskola t-traffiku ser jiżdied fi Triq Annibale Preca allura x' ħin tiġi f'dik l-parti d-dejqa għal inqas ikunu jistgħu jidħlu minflokk dawk il-karozzi li jkunu pparkjati.

80.9.17 Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u ddeċieda li għalissa ma titteħitx deċiżjoni fuqha.

80.9.18 Talba mingħand resident biex isiru żewġ flood lights eżatt ħdejn il-bir fiċ-Ċentru Rekreattiv biex jinqataw l-abbużi miż-żgħażagħ li qegħdin jużaw dik il-parti tal-ġnien.

80.9.19 Il-Kunsill approva unanimanent din it-talba u għandha tintalab kwotazzjoni fuq iż-żewġ floodlights.

80.9.20 Il-Minority Leader, is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tressaq quddiem il-Kunsill Lista ta' Ġieħ Ħal Lija li mietu matul dawn is-snin biex jingħataw l-ismijiet ta' toroq in-neqsin.

80.9.21 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li kienet diġa tat il-lista fejn iridu jsiru l-ismijiet l-ġodda fl-uffiċċju u l-ewwel isem għandu jkun is-Sur Ġużeppi Farrugia, ex kunsillier u wara jiġu ż-żewġ ismijiet *by seniority* ta' kif mietu. Trid tinstab is-sena ta' kif mietu.

80.9.22 Resident bagħat e-mail lill-Kunsill reġgħa dwar il-problema li qiegħed isib fejn il-garage tiegħu fil-housing estate.

80.9.23 Saret diskussjoni twila fuq din ir-rikjesta u l-Kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu lit-Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom bir-ritratti ta' quddiem u ta' wara fejn ngħidu li l-Kunsill għamel anke l-*Keep Clear* u li hu għamel il-bollards ukoll, filwaqt li s-Sinjorina Lorraine Farrugia ser terġa tmur on site mas-Segretarju.

80.9.24 Resident jixtieq jirraporta li xi ħadd qabad u għamel double yellow lines faċċata tal-garaxxijiet fi Triq Ġannikol Buhagiar. Huwa qed jistataqsi jekk dawn sarux bil-liġi peress li ma rax lill-ħaddiema tal-Kunsill jagħmluhom. Jixtieq li l-Kunsill jieħu azzjoni għax hekk naqas parking space.

80.9.25 Fuq dan l-ilment il-Kunsill ikkonferma li ma sarux minna, għalhekk għandha tmur is-Sinjorina Lorriane Farrugia u s-Segretarju biex tiċċekkja eżatt x'hemm.

80.9.26 Il-Kunsillier is-Sur Salvu Farrugia Kunsillier xtaq iressaq talba ta' residenta li toqgħod fi Triq Carmelo Farrugia No.57 biex isir sign biex il-karozzi jipparkjaw bis-silencer il-barra.

80.9.27 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u approva unanimament biex isir fuq pole. Jista jkun ikun hemm bżonn li jsiru tnejn.

80.9.28 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħet fakkret li għandha ssir l-motor cycle bay li Kunsill kien iddeċieda li ssir f'Awwissu u li għalih ħadet ir-ritratt.

80.9.29 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' l-organic waste li kienet f'email li ntbagħtet lil kulħadd biex tagħtuna l-go ahead biex nibagħtu lil Wasteserv.

80.9.30 Il-Kunsill approva din l-iskeda biex tintbagħat lill-Wasteserv.

80.9.31 Importanti biex il-Kunsill jideċiedi jekk hux ħa nkomplu bl-applikazzjonijiet tar-rubble walls, biex napplikaw għal permessi tal-MEPA wara li l-perit bagħat l-kwotazzjoni fuq dan li kienet għolja. Din il-korrispondenza ntbagħtet lil kulħadd

80.9.32 Il-Kunsill irid jiddeciedi malajr kemm jista' jkun għaliex biex tapplika għal dawn il-permessi hemm ħafna xogħol u żmien involut. Importanti li l-Kunsill jieħu deċiżjoni malajr biex inkomplu nipproċedu.

80.9.33 Is-Segretarju nfurmat li l-ispiza tal-perit għal dawn l-applikazzjonijiet tar-Rubble walls kienet kbira immal-Kunsill iddeċieda li la daħal għaliha ser ikompli biha.

80.9.34 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li s-Sinjorina Pamela Borg li peress li għalqet erbgħa snin taħdem mal-Kunsill issa ġiet tal-post. Din il-miżura hija skond l-EU.

80.9.35 Il-Kunsill qabel dwar dan u għandu jiġi nfurmat id-Dipartiment dwar dan.

80.9.36 Is-Segretarju ressqet MEPA permit ta' Triq Robert Mifsud Bonnici ta' Real Estate Office.Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

80.9.37 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill u ħeġġithom biex jaraw il-van li l-Kunsill xtara.

80.9.38 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li din il-laqgħa hija l-aħħar laqgħa uffiċċjali ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u bħala replacement sakemm jinstab segretarju ieħor ser tkun id-Deputy Segretarju s-Sinjorina Doriette Farrugia li hija ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Balzan u li kienet preżenti għal din il-laqgħa.

80.9.39 Il-Kuntratt bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv irid jiġġeded kull 90 ġurnata.

80.9.40 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi irringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv ta' dawn l-24 sena fil-Kunsill imma b'mod speċjali matul dawn l-aħħar snin fejn il-Kunsill kien għaddej minn ħafna problemi speċjalment dawk finanzjarji li bl-għajnuna tagħha u anke tal-Kunsill dawn ġew megħluba.

80.9.41 Is-Segretarju esprimat u rringrazzjat lill-Kunsill kollhu tal-fiduċja li urewha matul dawn l-24 sena u tal-fiduċja li kull legislatura rat fiha.

80.9.42 Is-Sindku flimkien mal-Kunsill awgurawlha għal dan iż-żmien ta' l-irtirar tagħha.

## 80.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

80.10.1Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li mhux ser titressaq ebda skeda tal-pagamenti u petty cash f'din il-laqgħa peress li kienet diġa tressqet skeda ta' pagamenti u petty cash fil-laqgħa ta' tlett ġimgħat ilu fil-bidu ta' Settembru 2018.

## 80.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

80.11.1Il-laqgħa ntemmet fis-7.05p.m.uġiet aġġornata għall-laqgħa li ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018, fil-5:00p.m.

Dawn il-minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, Georgette Borg.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |